# Ħarġa sal-Imdina organizzata għall-istudenti tal-Form 2

Nhar il-Ġimgħa 8 t'April 2016, ġiet organizzata ħarġa għall-istudenti tat-tieni sena tas-Sekondarja marbuta mal-istorja tal-Imdina u xi arkivji li wieħed jista' jsib hemmhekk.

L-istudenti l-ewwel żaru d-Domus Romana. Hemmhekk sibna gwida li spjegalna x'kien l-użu ta' dawk l-oġġetti li kienu għall-wiri. L-istudenti dehru li ħadu l-interess għaliex bdew isaqsu mistoqsijiet relatati mas-suġġett u jkomplu mal-gwida. Kellhom l-opportunità li jduru mal-post ukoll.



Il-ħarġa kompliet billi żorna l-Imdina Experience. Hemmhekk stajna napprezzaw xeni tal-istorja tal-Imdina permezz tal-viżwal u dokumentarju bil-Malti.